MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru. 60/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo` Gafa]**

**vs**

**Emanuel Ancilleri**

**Illum, 1 ta' Marzu 2010,**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Emanuel Ancilleri ta' 54 sena, iben Joseph u Mary nee` Hili, imwieled Vittoriosa fit-23 ta' Mejju, 1954, residenti f' St. Theresa Flats, Flat 3, Triq La Vallette, Birgu, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 429654(M);

Akkuzat talli f' dawn il-gzejjer fis-27 ta' Dicembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel ta, jew ftiehem li jaghti jew joffri jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew

indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil xi players ta' St. Georges' Football Club, biex ihajjruhom jaghmlu jew bi tpattija talli jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu, jew talli wara li jkun beda jsehh l-att dwar il-prevenzjoni ta' xiri ta' players, ikunu ghamlu jew naqsu milli jaghmlu xi haga li , jekk issir jew jonqsu milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-istess Att.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kiminali ai termini ta'l-artikoli:-
a) 2, 3(3), 9(1)(a)(b) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta; u
b) 17, 18, 23, 31, 533 tal-Kapitollu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jikkoncernaw loghba football bejn Vittoriosa Stars u St George's FC li ntlabghet nhar it-27 ta' Dicembru 2008 fil-ground tal-Hibernians; kienet loghba ta'l-ewwel divizjoni tal-BOV League. Din il-loghba intrebhet mill-Vittoriosa Stars tlieta bi tnejn (3- 2).

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li din il-loghba giet mixtrija fis-sens li gew avvicinati players ta' St George's FC biex jassiguraw li l-loghba tintrebah mill-Vittoriosa Stars. Dan jirrizulta ampjament mid-depozizzjoni ta' tlett players ta' St George's FC u cioe Lawrence Mizzi, Andrea Gatt u Edward Degabriele. Skond Lawrence Mizzi l-ewwel li gie avvicinat kien hu u hu min-naha tieghu avvicina liz-zewg players l-ohra imsemmija. L-ammont li gie offrut lilhom kien ta' elf Euro kull wiehed ghalkemm ma jirrizultax li sar xi ftehiem dwar modalita ta' hlas. Dan il-kaz hareg fil-

berah ghaliex Edward Degabriele informa lill-kumitat tal-club tieghu, ftit qabel il-loghba, b'dak li kien qed jigri.

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula mid-difieza jidher li dan il-fatt, cioe il-fatt li l-loghba kienet mixtrija, mhux kontestat. Dak li qieghed jigi kontestat huwa l-involviment ta'l-imputat f'dawn il-fatti.

Illi kif diga ntqal il-fatt li players ta' St George's FC gew avvicinati biex jaghmlu xi haga li hija kontra l-interess tal-club li huma jilaghbu mieghu jirrizulta ampjament.

Illi r-reat kontemplat f'l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 263 jissussisti mhux biss meta jsir ftehiem (dirett jew indirett) dwar rigal jew kumpens lil xi player biex dan jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li tkun kontra l-interess tan-naha li huwa jilghab maghha; dan ir-reat jissussisti anke bis-semplici proposta ta' tali ftehiem. Ghalhekk l-accettazzjoni tal-proposta mhux element necessarju ghall-prova tar-reat in ezami u konsegwentement, fil-kaz in ezami, mhux necessarju li jigi pruvat li l-players fuq imsemmija accettaw l-proposta li saritilhom u lanqas m'hu importanti kif laghbu fil-loghba in kwistjoni.

Illi in vista ta' dan jirrizulta sufficjentement pruvat li xi hadd avvicina l-players ta' St George's FC kontra d-dispozizzjonijet ta'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 263.

Illi konsegwentement dak li jibqa biex jigi stabbilit huwa jekk kienx l-imputat li avvicina l-players ta' St George's FC.

Illi rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni tiddependi fuq d-depozizzjoni ta' zewg persuni: u cioe dik ta' Lawrence Mizzi, wiehed mill-players ta' St George's FC, u dik ta'l-imputat iniffsu.

Illi ghandu jinghad immedjatament li z-zewg players l-ohra cioe Andrea Gatt u Edward Degabriele ma kellhom l-ebda kuntatt ma'l-imputat; kien Lawrence Mizzi li avvicinhom. In oltre jirrizulta ukoll li fil-konverzazzjonijiet ta' bejniethom

Lawrence Mizzi qatt ma semma’ minn kien qabbdu javvicinahom.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-verzjonijiet moghtija minn Lawrence Mizzi u l-imputat huma konfliggenti partikolarment fuq dan il-punt fis-sens li Mizzi jinsisti li kien l-imputat li avvivcinah u qallu biex ikellem players ohra fil-waqt li l-imputat jinnega kategorikament l-involviment tieghu.

Illi huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Il-Qorti ghandha tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’xiex ghandha temmnu. Fil-kaz in ezami l-Qorti ssib li ghandha taghti kredibilita lil verzjoni mghotija minn Lawrence Mizzi.

Illi l-imputat jaghmel certa emfasi fuq incident li kien gara f’l-1 ta’ Novembru 2008 bejnu u bejn l-imputat u zijuh biex jipprova jikkonvinci lil din l-Qorti li bhala rizulta ta’ dan l-incident kien impossibli li huwa javvicina lil Lawrence Mizzi u anke prova jressaq xhieda dwar dan l-incident biex jipprova jattakka l-kredibilita ta’ Mizzi.

Illi r-realta hi li jekk wiehed jikkontrasta dak li qal Mizzi u x-xhiedha in difeza dwar dan l-incident jirrizultaw xi punti fejn m’hemmx qbiel, pero anke f’dak li qal l-imputat hemm inkosistenzi. Per ezempju huwa jghid li l-argument kien xi xahar jew tlett gimghat qabel il-loghoba meta fil-fatt l-argument kien kwazi xahrejn qabel ghax sehh f’l-1 ta’ Novembru. F’l-istqarrija jghid li wara li rega’ beda jmur il-kazin irranga ukoll ma’ Lawrence (apparti zijuh) u issa kollox kien intesa bejnithom meta mbaghad fid-depozizzjoni tieghu huwa jghid li lil Mizzi ma kienx ikellmu jekk mhux biex jitolbu xi drink meta Mizzi jkun qed iservi fil-bar.

Illi kif diga ntqal minkejja il-kunflitt f’dak li jghidu l-imputat u Mizzi dwar il-fatti mertu ta’ dawn il-proceduri l-Qorti tikkonsidra l-verzjoni mghotija minn Mizzi bhala wahda verosimili u li tista’ taghtiha kredibilita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin u multa ta' elfejn Euro (€2000) li ghandha tithallas fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------